NATIONAL EURO
CHANGEOVER COMMITTEE

# Linji Gwida sabiex tiġi konvertita informazzjoni ta' l-imgħoddi li għandha x'taqsam mal-proċess tal-bdil għall-euro

Linji Gwida: NECC/0002/06

Verżjoni 1.02
24 ta' Jannar 2006

**Kumitat Nazzjonali għall-Bidla fl-Euro (NECC)**
3A, Triq Żekka, Valletta ĊMR02, Malta
Tel: (+356) 2122 4038, 21224215
Fax: (+356) 21224315
Email: euro@gov.mt
Web: www.euro.gov.mt

## 1. Miri

L-għan ta' dawn il-linji gwida huwa sabiex organizzazzjonijiet ikunu jistgħu jiddeterminaw:

1.1 jekk għandhomx jikkonvertu l-informazzjoni monetarja u finanzjarja ta' l-imgħoddi, u jekk għandu jsir hekk, jekk għandhomx jikkonvertu kollox jew parzjalment;

1.2 kif għandu jsir il-bdil u liema fatturi għandhom jitqiesu fil-proċess tal-bdil.

## 2. Applikabilità

Iż-żewġ raġunijiet ġeneriċi għall-bdil jistgħu jkunu:

1. Għal raġunijiet ta' paragun, jiġifieri l-informazzjoni ta' qabel il-bidla għall-euro għandha tiġi paragunata ma' l-informazzjoni ta' wara l-bidla għall-euro għal analiżi ta' ikkontjar u serje ta' perjodi (time-series analysis).

2. Għal raġunijet ta' l-andament tan-negozju[1], jiġifieri l-informazzjoni ipproċessata jew maħruġa f'liri Maltin qabel il-jum € iżda li hemm bżonn li tiġi proċessata mill-ġdid wara jum €, bħalma huma pagament li għandhom isiru għal kontijiet (invoices) maħruġa (f'lira Maltija) qabel jum € u li kienu denominati f'lira Maltija.

Kull organizzazzjoni tal-Gvern, tan-negozju, li ma tagħmilx qliegħ jew kull entita oħra għandhom janalizzaw il-ħtiġiet ġeneriċi u speċifiċi li huma partikolari għalihom fir-rigward ta' din il-bidla.

Dawn il-linji gwida jgħoddu wkoll għal dawk il-każijiet fejn wieħed ma jagħżilx li jikkonverti informazzjoni ta' l-imgħoddi.

## 3. Prinċipju(i)

Dawn il-linji gwida huma msejsa fuq il-bażi li:

3.1 Kull organizzazzjoni għandha r-responsabbiltà li tidentifika kull informazzjoni ta' l-imgħoddi li għandha bżonn li tiġi konvertita;

3.2 Dik l-informazzjoni li għandha ħtieġa qawwija għall-operat ta' l-entita'[2] hemm bżonn li tiġi konvertita;

3.3 Meta organizzazzjoni tiddeċiedi li tikkonverti l-informazzjoni, għandha tintuża r-rata ffisata irrevokabbli. Fejn ikun rilevanti, għandha ssir eċċezzjoni fil-każ ta' informazzjoni li kienet denominata oriġinarjament fil-munita ta' l-euro u kienet ġiet konvertita għal lira Maltija għall-użu mill-organizzazzjoni;

3.4 Meta organizzazzjoni tagħżel li ma tibdilx l-informazzjoni ta' l-imgħoddi għandha tiżgura li jkun hemm mezzi l-ħin kollu fil-futur (wara jum €) sabiex l-informazzjoni li ma tkunx ġiet konvertita tiġi rikonoxxuta u konvertita għall-euro meta jkun hemm il-ħtieġa;

[1] Dan ma jirreferix biss għal informazzjoni ta' l-imgħoddi.
[2] Għandu jitqies ukoll kif dik l-informazzjoni ser tiġi wżata.

3.5 Mhux suppost li ħtiġiet legali jeżiġu li l-informazzjoni monetarja jew finanzjarja tiġi konvertita, għaliex hu aktar probabbli li l-informazzjoni eżistenti jkollha tiġi ppreżentata fil-format oriġinali tagħha biex tintuża bħala xiehda. Il-bidla imbagħad tista' ssir wara, meta tiġi mitluba mill-Qrati tal-Ġustizzja.

# 4. Linji Gwida

## 4.1 Spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-bidla

Kull organizzazzjoni jkollha tiddeċiedi jekk hiex sejra tikkonverti l-informazzjoni għall-ħtiġiet partikolari tagħha u jekk dan il-proċess huwiex vijabbli meta paragunat ma' l-ispiża kemm fuq perjodu ta' żmien qasir kif ukoll fit-tul. Dawn l-ispejjeż jistgħu jinkludu:

- l-eżerċizzju tal-bidla nnifsu (inklużi ħardwer u s-*software*);
- sistemi ġodda jew aġġornati, jew programmazzjoni ta’ sistemi hija meħtieġa biex isseħħ il-bidla;
- il-perjodu ta' żmien li jieħdu sistemi ta’ l-informatika biex titwettaq il-bidla;
- il-bżonn ta' *records* preċiżi dwar dak li twettaq għal skopijiet ta' awditjar;
- ħtiġiet ta' taħriġ u ttestjar;
- riżorsi umani; eċċ.

Dawn l-ispejjeż għandhom jiġu bilanċjati mal-benefiċċji tal-bdil ta’ l-informazzjoni.

## 4.2 Sa fejn għandha ssir il-bidla

Fil-każ ta’ kontijiet finanzjarji u informazzjoni simili, l-organizzazzjonijiet għandhom jiddeċiedu jekk iridux jikkonvertu l-komponenti kollha ta’ l-informazzjoni jew il-bilanċi biss kif dawn ikunu fil-31 ta’ Diċembru 2007. Jekk jiġu adottatti metodi ta’ konverżjoni differenti għal tipi differenti ta’ informazzjoni, allura għandhom jiġu ċċarati l-metodi magħżula.

4.2.1 Kordinazzjoni dwar il-bdil ta’ informazzjoni li tintuża minn oqsma differenti tan-negozju: f’dan il-każ, huwa meħtieġ li l-oqsma l-oħra tan-negozju li jużaw l-istess informazzjoni jiġu kompletament ikkonsultati minn qabel.

4.2.2 In-numru ta’ snin li tagħhom l-informazzjoni ta’ l-imgħoddi ser tiġi konvertita: huwa wkoll rilevanti li jiġi deċiż in-numru ta’ snin li tagħhom l-informazzjoni ser tiġi konvertita. Id-deċiżjoni tiddependi primarjament fuq l-użu ta’ l-informazzjoni għall-għanijiet ta’ serje ta’ perjodi u ta’ paraguni, iżda mhuwiex rakkomandat li wieħed jikkonverti informazzjoni ta’ aktar minn erba’ snin, jiġifieri informazzjoni minn Diċembru 2003 ’l-quddiem[3].

## 4.3 Metodu tal-bidla

L-informazzjoni monetarja u finanzjarja ta’ l-imgħoddi murija bil-lira Maltija għandha tiġi mibdula għall-euro skond rata ta’ kambju ffissata b’mod irrevokabbli li tiġi deċiża meta tiġi abrogata d-deroga. Il-bidla għandha titwettaq billi l-ammonti f’lira Maltija jiġu diviżi bir-rata tal-kambju, u jitqarrbu ‘l-fuq jew ‘l-isfel għall-eqreb euro ċenteżmu[4].

[3] Dan għalhekk jkun jirrappreżenta informazzjoni dwar l-aħħar figuri ta’ ħames snin u ta’ erba’ snin sħaħ.

[4] L-Artikolu 4 (parti minnu) tar-Regolament (KE) Nru. 1103/97 jipprovdi:

1. Ir-rati tal-kambju għandhom jiġu adottati bħala euro wieħed denominat skond kull waħda mill-muniti ta’ l-Istati Membri li jipparteċipaw. Għandhom jiġu adottati b’sitt figuri sinjifikattivi.
2. Ir-rati tal-kambju ma għandhomx jitqarrbu ’l fuq jew ’l isfel jew jitnaqqsu meta jkun qed isir il-bdil.
3. Ir-rati tal-kambju għandhom jintużaw biex isiru bidliet kemm mill-euro għall-munita nazzjonali kif ukoll mill-munita nazzjonali għall-euro. Ma għandhomx jintużaw rati inversi li huma derivati mir-rati tal-kambju.

Għalhekk, ħlief għall-informazzjoni li tkun ġiet oriġinarjament denominata bil-munita ta' l-euro, jekk ikun rilevanti, ma tintużax r-rata li tkun fis-seħħ fiż-żmien tal-ħażna ta' l-informazzjoni.

Fejn ikun applikabbli, fil-każ ta' informazzjoni ta' l-imgħoddi denominata bil-munita ta' l-euro (li kellha tiġi konvertita għal-lira Maltija għall-finijiet ta' l-ipproċessar), ma jagħmilx sens li din l-informazzjoni tiġi konvertita mill-ġdid skond ir-rata tal-kambju ffissata b'mod irrevokabbli, iżda jagħmel aktar sens li jinżamm l-ammont oriġinali fil-munita ta' l-euro. Per eżempju, jekk fattura li għadha ma ġietx imħallsa denominata bil-munita ta' l-euro kienet ġiet mibdula għal-lira Maltija għal finijiet ta' kkontjar, estimi u awtorizzazzjoni qabel jum €, ma jkunx loġiku li l-ammont f'liri Maltin jiġi konvertit mill-ġdid għall-munita ta' l-euro b'rata li tkun differenti mill-oriġinali, għax jista' jiġri li l-ammont ta' l-euro jispiċċa li jkun differenti minn dak oriġinali.

## 4.4 Meta għandha ssir il-bidla

Id-deroga għal Malta milli tadotta l-euro tista' tiġi abrogata biss wara parteċipazzjoni ta' għall-inqas sentejn fl-ERM II, jiġifieri wara t-2 ta' Mejju 2007. Għandhom jitħejjew 'Rapporti ta' Konverġenza'[5] għal Malta biex jiġi stabbilit:

- (a) jekk Malta laħqitx konverġenza mal-kriterji ta' Maastricht;
- (b) ir-rata tal-kambju ffissata b'mod irrevokabbli għall-bdil minn lira Maltija għall-euro; u
- (ċ) id-data ta' l-adozzjoni ta' l-euro.

L-introduzzjoni tal-munita ta' l-euro tkun fl-istess żmien li Malta tidħol fiż-żona ta' l-euro fl-1 ta' Jannar, 2008. Dan ifisser li l-lira Maltija tibqa' l-unika valuta legali f'Malta qabel din id-data, u l-informazzjoni tibqa' tiġi pproċessata, irreġistrata u rrappurtata bil-lira Maltija. Għalhekk mhux rakkomandat li informazzjoni tiġi konvertita biċċa biċċa qabel jum €, iżda għandu jsir eżerċizzju f'daqqa u ssir il-bidla skond ir-rata tal-kambju ffissata b'mod irrevokabbli meta n-negozju jingħalaq fil-31 ta' Diċembru 2007.

Madankollu, jekk ikun aktar vantaġġuż u ta' inqas spejjeż, informazzjoni li mhux ser tinbidel tista' tiġi konvertita qabel jum €, wara li tkun ġiet iffissata r-rata tal-kambju b'mod irrevokabbli.

Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi stabbilit perjodu ta' żmien suffiċjenti biex jiġu ttestjati s-sistemi tal-bidla u biex jiġi żgurat li l-informazzjoni kollha li għandha tiġi konvertita tiġi fil-fatt mibdula.

Wara jum €, jista' jinħoloq il-bżonn li informazzjoni mogħtija f'lira Maltija (li tkun ġiet maħruġa jew ipproċessata qabel jum €) tiġi konvertita għall-euro. L-informazzjoni tista' tinkludi ċekkijiet, ordnijiet ta' ħlasijiet, fatturi, eċċ. Informazzjoni li tasal wara jum € jew ġrajjiet li seħħew wara dik id-data jistgħu jaffettwaw informazzjoni ta' snin qabel, li jista' jkollha bżonn ta' reviżjoni jew modifika.

## 4.5 Bdil u tqarrib

Il-bdil ta' informazzjoni bl-użu ta' operazzjonijiet individwali jew bilanċi sommarji jista' jġib miegħu żbalji fit-tqarrib ma' l-euro. Jekk jinħareġ dokument b'informazzjoni kemm bil-lira Maltija kif ukoll bl-euro, u jum € jaħbat f'nofs il-kors tal-validità ta' dak id-dokument, l-ammonti kollha f'lira Maltija għandhom jingħaddu flimkien kif ikunu f'jum €, u dan l-ammont biss (mhux il-partiti individwali) għandu jiġi konvertit skond ir-rata tal-kambju ffissata b'mod irrevokabbli. Il-bilanċ kif konvertit għall-euro għandu jintuża għall-kumplament tad-dokument. Sakemm jinħarġu b'liġi regolamenti speċifiċi dwar tqarrib lejn l-euro, għandhom jiġu applikati regoli normali ta' tqarrib, liema regoli

[5] Ir-Rapporti ta' kull sentejn mħejjija indipendentement mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Bank Ċentrali Ewropew janalizżaw il-progress ta' Stat Membru individwali fit-twettieq tal-kriterji ta' konverġenza. Fuq il-bażi ta' dawn ir-rapporti, il-Kummissjoni Ewropea tista' tibda' l-proċedura biex tirrevoka d-deroga. Dawn ir-rapporti jistgħu wkoll isiru wara talba għal dan il-għan.

iqisu r-regolamenti tal-Kunsill (KE)[6]. Normalment, ammonti f'euro jitqarrbu għall-aktar euro ċenteżmu viċin, u riżultati li huma eżatt fin-nofs għandhom jitqarrbu 'l fuq.

## 4.6 Kopji ta' l-informazzjoni oriġinali

Għandhom jinżammu kopji ta' l-informazzjoni oriġinali fuq apparat ta' ħażna li minn fuqu tista' taqra' biss. Għandu jiġi żgurat li l-informazzjoni oriġinali tkun aċċessibbli dejjem. Wieħed għandu jieħu ħsieb li l-informazzjoni fuq *databases* elettroniċi tkun tista' tinqara' fil-futur meta jiġi aġġornat s-*software* oriġinali jew meta dak is-*software* oriġinali jsir ta' bla użu jew ikun għadda żmienu.

## 4.7 Dikjarazzjoni dwar il-bidla

Għandu jkun hemm dikjarazzjoni b'mod ċar dwar kull bdil f'euro ta' informazzjoni monetarja jew finanzjarja ta' l-imgħoddi f'kull dokument li jkun fih dik l-informazzjoni. Għandha tissemma wkoll ir-rata tal-kambju ffissata għall-bidla li tkun ġiet użata.

## 4.8 Ħtiġiet ta' awditjar

Għandhom jiġu osservati r-reġistrazzjonijiet ta' l-awditjar u l-kontrolli għall-ħtiġiet ta' awditjar. Meta l-istess informazzjoni tkun miżmuma minn sezzjonijiet differenti fi ħdan l-organizzazzjoni, u jiġu adottati strateġiji differenti ta' bdil fl-euro, għandhom jiġu dikjarati b'mod ċar ir-raġunijiet għaliex ikun sar dan.

## 4.9 Talbiet legali

Kull organizzazzjoni għandha tqis il-possibbiltà ta' talbiet legali biex tipproduċi informazzjoni monetarja fil-qrati fejn x'aktarx ikun hemm il-ħtieġa li tiġi preżentata l-informazzjoni oriġinali. Għandhom ukoll jitqiesu, jekk ikunu rilevanti, il-ħtiġiet ta' l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* (Kap. 440).

# 4. Tifsiriet

**Deroga** tirreferi għall-eżenzjoni temporanja għal Stat Membru, li jkun sar qbil dwarha fit-Trattat ta' Adeżjoni, rigward l-applikazzjoni ta' xi artikoli tal-kapitoli dwar il-politika ekonomika u monetarja fit-Trattat li jistabbilixxi l-KE.

**Jum €** tirreferi għad-data meta Malta tidħol fiż-żona ta' l-euro, jiġifieri l-euro jsir il-munita ta' Malta.

**Rata tal-kambju ffissata b'mod irrevokabbli** tirreferi għar-rata tal-kambju ffissata b'mod irrevokabbli bejn il-munita ta' Stat Membru u l-euro kif determinata meta tiġi revokata d-deroga għal dak l-Istat Membru. Ir-rata tal-kambju tal-lira Maltija għall-euro ser tiġi ffissata b'mod irrevokabbli xi żmien qabel din id-data, iżda mhux aktar minn seba' xhur qabel għax il-perjodu minimu ta' parteċipazzjoni fl-ERM II jiskadi fit-2 ta' Mejju 2007.

**Informazzjoni ta' l-imgħoddi** tirreferi għal:

(i) informazzjoni monetarja u finanzjarja maħżuna, denominata bil-lira Maltija u miżmuma f'kull format (jiġifieri b'mod elettroniku jew mod ieħor) qabel jum €;

[6] L-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1103/97 tas-17 ta' Ġunju 1997 jipprovdi:
"L-ammonti monetarji li għandhom jitħallsu jew jitqiesu meta jsir tqarrib wara bidla għal unità ta' l-euro skond l-Artikolu 4 għandhom jitqarrbu 'l fuq jew 'l isfel għall-eqreb ċenteżmu. Ammonti monetarji li għandhom jitħallsu jew jitqiesu li jiġu konvertiti għal unità ta' valuta nazzjonali għandhom jitqarrbu 'l fuq jew 'l isfel għall-eqreb sotto-unità jew, fl-assenza ta' sotto-unità, għall-eqreb unità jew skond il-liġi jew il-prattika nazzjonali għal multiplu jew frazzjon tas-sotto-unità jew unità tal-munita nazzjonali. Jekk l-applikazzjoni tar-rata tal-kambju tagħti riżultat li jkun eżattament fin-nofs, is-somma għandha titqarreb 'il fuq.

(ii) informazzjoni li hija wżata l-ħin kollu u utilizzata għall-ipproċessar fuq bażi regolari (f'użu kontinwu) jew informazzjoni li mhijiex meħtieġa għal għanijiet ta' l-operazzjonijiet ta' kuljum (li mhux ser tinbidel).